# NANI ANTON: 1842-1929



Anton twieled il-Belt, Valletta, fl-1842 minn Dr. Paolo Nani u s-Sinjura Maddalena neè Cuschieri. L-ewwel studji mużikali tiegħu għamilhom ma missieru, u Patri Ġużeppi Spiteri Fremond. Bħal kull mużiċista serju, Anton mar jagħmel l-istudju professjonali tiegħu barra minn Malta, għalhekk f'Napli studja ma surmastrijiet bħall Barbuti Agnello u De Giosa Nicola għal għaxar snin sħaħ.

Anton Nani, skond kif kien jirrakkontali Mro. Pawlu Nani (li kien it-tifel uniku ta' Anton, u li miet ta' eta kbira x'ilux) kien kompożitur prolifiku ħafna, tant, li jekk waqt li jkun qed jikkomponi taqgħalu l-karta fl'art, flok jiġborha, kien jerġa' jikteb kollox mill ġdid; il-melodiji sbieħ u ferrieħa kienu għalih ħaġa l-aktar naturali. Fl-1881 kiteb il-Quddiesa l-Kbira tal-Mejtin li fl-1886 f'kompetizzjoni internazzjonali f'Londra, ġiet meqjusa bħala kapolavur u mogħtija midalja tad-deheb.

Ir-ritratt ta' Anton bħala Direttur kapaċi kien tagħhuli Dun Ġużepp Aquilina (ta' Randa) meta kont għadni abbati żgħir. Niftakar kien qed jispjega lil Karmnu s-Sagristan: "L-orkestra kienet tkun fil-gallerija fil-kor, u kont tarah (lill-Nani) b'maestosità kbira, u li kulltant kien iħobb jiġbed xagħru bajda qotna lura b'idejh ix-xellugija waqt li jkun jidderieġi. Is-surmast Anton Nani kien direttur ta' diversi knejjes f'Malta u kiteb ħafna mużika, bħal quddies, antifoni, innijiet majestużi, tantum ergi, u għasrin. Il-melodija u l-armonija ħelwa ta' dawn ix-xogħolijiet għamlu 'l-Nani surmast popolari ħafna ma' Malta kollha. X'uħud huma tal-fehma li l-istil ta' Anton Nani hu operistiku jew "profan". M'inhiex ser nidħol fil-kwistjoni, iżda ngħid biss, li kemm f'Malta u anke barra, kien hemm żmien li fil-knejjes kienet daħlet id-drawwa li l-organista jdoqq biċċiet operistiċi waqt jew wara xi servizz liturġiku, per eżempju, xi "overture" ta' Giacomo Rossini. Il-mużika sagra ta' Anton Nani ma kienitx "profana" iżda kienet tirrefletti l-istil u l-idjoma tiegħu personali u pjuttost ta' żmienu – il-perjodu Romantiku. Fl-1908 Anton kiteb il-Quddiesa F' FA "MAGGIORE" u Għasar li fihom juri li jista' jikteb mużika skond il *Motu Proprium* – li tista' tfisser: bi stil "differenti" min dak kontemporanju – u mhux bilfors għax aktar sagru.

Anton Nani ikkompona wkoll tlett opri: *"Zorilla"* li hija opra komika fi tlett atti fuq librett ta' A. Spadetta; din kitibha meta kien għadu Napli u dehret in-xena fit-tejatru Mercadante (Napli stess).

Fl-1873 saret fit-tejatru Manoel, fejn reġgħet saret fl-1874 - 75. "I cavalieri Di MALTA" hija opra oħra ta' Anton fuq libret ta' Enrico Galascione: saret l-ewwel darba fl-1879 fit-tejatru Rjali mmexxija minnhu. Fl-1926 reġgħet saret fit-tejatru Manoel immexxija mis-rumast De Cristoforo. L-aħħar opra li kiteb kienet l-*Agnese Visconti* f'erba atti u fuq librett ta' Enrico Galascione. Din l-opra saret fl-Irjal fl-1888 u fl-1900. Fl-1984 saret "Concert Version" f'San Anton fil-Festival Internazzjonali ta' dik is-sena fejn ġiet imtella mill Collegium Musicum taħt id-direzzjoni ta' Maestro Dion Buhagiar; is-solista kienu Antoinette Miggiani (Soprano) Phyllis Bajada Abram (Mezzo-Soprano), Lino Attard (Baritonu) Brain Cefai (Tenur) u Joe Vella Bondin (Baxx).

Bejn l-1879 u 1889 Anton kien direttur tal-orkestra u l-impressarju fit-tejatru Rjal fil-Belt, Valletta.

L-Antifona "Ege Sum Nicolaus" ta' Anton Nani hija waħda ferm għall qalb is-Siġġiewin. Jiena minn ċkuniti niftakar lil Mro. Paolo Nani jidderiegi kull sena f'festa wara l-oħra din l-Antifona bl-aħjar mużiċisti tal-Gżejjer Maltin. Qatt ma nista' ninsa dawk l-effetti sbieħ ta' strumenti u vuċijiet flimkien immexxija minnhu b'dik l-enerġija, intensità, u dixxiplina ta' veru surmast. Din l-Antifona tiġbor fiha l-istil propriju ta' Anton li xaħet l-isbaħ motivi, melodiji, ritmu qawwi, armonija "romantika" u orkestrazzjoni vivaċi li jsaħħru lil kull min iħoss, anki xi ftit biss, il-mużika.

**Mro. Dion Buhagiar**


## BORD EDITORJALI - FESTA SAN NIKOLA

**FESTIVAL TAL-BRASS BAND - SIĠĠIEWI**

**EUSEBIO BUHAGIAR CHARLES MICALLEF SALVU MICALLEF**

*Il-Bord Editorjali jixtieq jirringrazzja lil kull minn b'xi mod għin biex dan il-Programm jiġi Stampat Speċjalment lil dawk li għoġobhom jirreklamaw. Il-qarrejja nħeġġuhom jixtru l-prodotti rreklamati fil-programm.*



# ANGELO VELLA LTD.

Iron & Steel Merchants

Reg. Office

11/12 Flagstone Wharf, Marsa. Tel: 234425